# INNO DI GLORIA A SANT'ELENA IMPERATRICI AUGUSTA U L-INNU TAL-BANDA - 1928

**JIKTEB FRANS PULLICINO**




Inkun qed nonqos jekk f'dan il-ktieb li nippublikaw kull sena aħna, ta' l-GĦAQDA MUŻIKALI SANT'ELENA ma niktibx kelmtejn fuq l-INNO DI GLORIA SANT'ELENA IMPERATRICI AUGUSTA U L-INNU TAL-BANDA - miktub mill-ex surmast bravu tagħna, is-surmast Kavallier Ġużeppi Busuttil komposti t-tnejn li huma fl-1928. Din is-sena qegħdin jagħlqu l-75 sena li ġew komposti minn dan il-bravu surmast.

Kif tafu l-patruna tagħna, Sant'Elena, din is-sena għalqet l-1675 minn mewtha, allura kienet mietet fis-sena 328 u hu għalhekk li din is-sena l-purċissjoni qed toħroġ filgħaxija. Mela allura wkoll fis-sena 1928 f'Birkirkara kienu saru festi bħal din is-sena biex allura dak iż-żmien ikunu ċċelebrati l-1600 sena minn mewtha u allura ma setax jonqos jekk is-surmast tal-banda unika Karkariża u banda msemmija għall-patruna tagħna biex is-surmast Ġużeppi Busuttil jikteb żewġ innijiet kapulavur bħal dawn.


Kav. Ġuże Dimech Debono

Kien għadu biss surmast tal-banda tagħna tlett snin, għaliex is-surmast Kavallier Ġużeppi Busuttil ġie maħtur surmast tal-banda tagħna fl-1925 meta ħa post is-surmast bravu l-ieħor is-surmast Vincenzo Costa. Kien klarinettista jdoqq mal-banda l-oħra karkariża IL-BANDA DUKE OF CONNAUGHT OWN BAND - il-banda tad-Duka - meta xi membri tal-kumitat ta' dak iż-żmien avviċinawh biex ikun surmast tal-banda tagħna, li hu aċċetta bil-ferħa. Minn dak iż-żmien sa ma miet fit-30 ta' DIĊEMBRU 1960 - qatt ma ħares lura u ġab ħafna suċċessi lill-banda.


Mro. Kav. Ġużeppi Busuttil

Waħda minn dawn li għadu msemmi sal-lum huma ż-żewġ innijiet li hu kkompona, imsemmija iktar 'il fuq appuntu għall-festi ċentinarji li saru fl-1928. Fiż-żewġ innijiet insibu l-kompatrijott karkariż Kavallier bħalu, ĠUŻE DIMECH DEBONO li naqax bhas-surmast kliem ta' l-ogħla livell fiż-żewġ innijiet li jħolluk. INNO DI GLORIA A SANT'ELENA IMPERATRICI AUGUSTA għandu tul ta' madwar 25 minuta, bis-sehem tal-banda, il-vuċijiet ta' Tenur, baxx u kor.... Jibqgħu f'moħħ kulħadd żgur il-frażijiet APRITE ALLE GIOA LE PORTE DEL CUOR...GIOITE E LODATE AL SIGNOR.... Mhux ta' b'xejn li kulħadd jiftakar dan l-innu u mhux ta b'xejn din is-sena se ndoqquh darbtejn, nhar lejliet il-festa fil-

għaxija, nhar is-Sibt 23 t'Awissu fil-għaxija minn fuq il-planċier waqt programm mużikali fil-pjazza. Ta' min jgħid li t-tenur preżenti ta' dan l-innu ANDREW SAPIANO issa ilu jkantah dan l-innu għal madwar 40 sena sħaħ. L-INNU TAL-BANDA ukoll ġie kompost mis-surmast Gużeppi Busuttil għall-festi ċentinarji fl-1928, innu li tafu Birkirkara kollha, tfal u xjuħ, nisa, tfal u rġiel, u l-famużi 'ĠEJT MAGĦŻULA.... BIEX ISSIB L-GĦUDA MQADDSA TAS-SALIB' innu li wkoll għandu l-versi mirquma tal-Kavallier Ġuże Dimech Debono. Huwa fatt magħruf li tant hu popolari dan l-innu li mill-innijiet kollha komposti lil Sant'Elena dan hu l-iktar magħruf, l-iktar popolari, l-iktar li jitkanta, kemm fil-knisja, kemm mill-banda tagħna u kif jibdew jindaqqu mqar l-ewwel noti mużikali tiegħu, il-poplu karkariż kif jisimgħu jqumlu ġismu xewk xewk, jibda jaqbeż, jogħla, jifraħ, jiddilirja u jkanta għalenija ma' dan l-innu magħruf minn kulħadd. Dan l-innu l-banda tagħna ddoqqu mhux biss f'Birkirkara fil-festa u f'okkażżjonijiet oħra imma barra minn beltna Birkirkara għas-servizzi mużikali kollha li niġu mistiedna għalihom u kif ukoll barra minn xtutna kull darba li l-banda tagħna ġiet imsejħa biex tkun ambaxxatriċi denja ta' l-għażiża Malta tagħna.

Dawn iż-żewġ innijiet jibqgħu tifkira ta' surmast bravu, kapaċi u ta' ħila u jibqgħu żewġ innijiet immortali - żewġ innijiet li tkanta magħhom BIRKIRKARA KOLLHA.

Ta' min jgħid ukoll li s-sena 1928, 75 sena ilu, il-banda tagħna ġiet mistiedna għat-tieni darba fit-Tuneżija għall-festi Nazzjonali u hemmhekk għall-ħila tiegħu fid-direzzjoni l-il-Bey ta' Tuneż MONCEF BEY - ħatar lis-surmast Ġużeppi Busuttil KAVALLIER - titlu li baqa jġorr sa ma miet Nhar it-30 ta' Diċembru 1960 - 35 sena wara li nħatar surmast tagħna, bil-funeral tiegħu jiġi organizzat eżattament l-għada il-31 ta' Diċembru 1960 - l-aħħar jum tas-sena fejn fil-funeral tiegħu daqqew iż-żewġ baned karkariżi dik tagħna li hu dderieġi b'tant ħila u abbilta u dik tad-Duke of Connaught Own Band, u b'folla kbira karkariża u m'hijiex tagħti l-aħħar tislima lil dan is-surmast bravu - IS-SURMAST KAVALLIER ĠUŻEPPI BUSUTTIL - KOMPOŻITUR TA' L-INNO DI GLORIA A SANT'ELENA IMPERATRICI AUGUSTA U L-INNU TAL-BANDA SANT'ELENA - ŻEWĠ INNIJIET IMMORTALI.